**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Shalon Abela**
**Nathan Azzopardi**
**-omissis-**

**Illum, 12 ta' Mejju 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Shalon Abela**, detentur tal-Karta tal-identità numru 220493(M);

**Nathan Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-identita' numru 167898(M);

**-Omissis-**;

Akkuzati talli:

Nhar il-11 ta' Mejju 2017, ghall-habta ta' 00.45am, gewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara;

1. Bil-hsieb li jikkomettu delitt ta' **serq** aggravat bil-'valur' li huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), bil-'hin' , bil-'mezz', u bil-'vjolenza' urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' taghhom, u dan ghad-dannu tal-familja Cassar *(Art. 41 (1) (a), Art. 261, 262 ,263 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta)*;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fil-cafeteria Tre Colonne, fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara, hsara liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (250 Euros).

Lil Shalon Abela wahdu akkuzat aktar talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta' serraturi jew instabu

ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak il-hin,

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat Shalon Abela bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Shalon Abela;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat Shalon Abela sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Shalon Abela rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Shalon Abela, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu minn liema jirrizulta li piena karcerarja ma hiex qed twassal ghar-riforma tal-imputat u in vista tal-istess il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz li ghandha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261, 262, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 289, 325 (1) (c) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Shalon Abela hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghzel illi tittratta mal-imputat u ghaldaqstant tikkundannah u tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz fil-komunità, bil-perjodu ta' Probation ikun ghal zmien tlett snin mil-lum u s-Servizz fil-Komunita ikun ta' mitt siegha xoghol fil-komunità ai termini ta' l-artiklu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat <u>Nathan Azzopardi;</u>

Tat zmien ragonevoli lill-imputat Nathan Azzopardi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Nathan Azzopardi rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Nathan Azzopardi, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali netta tieghu u in vista tal-istess il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz li ghandha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 261, 262, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 325 (1) (c) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Nathan Azzopardi hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum ai termini tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni ta' -omissis-;

Tat zmien ragonevoli lil -omissis- sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti -omissis- rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati -omissis-, l-età tenera tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali kwazi netta tieghu u in vista tal-istess il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz li ghandha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 261, 262, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 325 (1) (c) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil -omissis- hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum ai termini tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg

Deputat Registratur